## *X'nixtieq*

Il-mewta tragika ta' l-immigrat minn Mali, Mamadou Kamara, nhar it-30 ta' Gunju (2012), holqot ghadd ta' protesti min-naha ta' l-immigrati u ghadd ta' Ghaqdiet Volontarji, dwar il-mod li bih l-immigrati jigu ttrattati fic-Centri ta' Detenzjoni.

Jien li nghix qrib ir-refugjati, hassejt li ghandi ninqeghda bil-"Lehen is-Sewwa" biex inwassal dak li nahseb jien f'widnejn dawk li minnhom tiddependi l-qaghda ta' l-immigrati fid-detenzjoni u in general, kif ukoll tal-immigrati nnifishom u tal-Maltin hutna.

1,

**Detenzjoni.** Id-Detenzjoni mhix imfassla jew ahjar ippjanata ghar-refugjati. Fiha jinzammu dawk li jidhlu Malta bla passaport jew irregolarment u jinzammu hemm sakemm jaghtu spjegazzjoni kredibbli ghaliex dahlu jew iddahhlu Malta.

Dawk li japplikaw ghal li status ta' refugjat ghandhom jinzammu f'detenzjoni sakemm il-kaz taghhom jigi ezaminat. Izda t-tul taz-zmien taghhom fid-detenzjoni ma ghandu qatt jeccedi x-xahrejn, tlieta l-aktar. In-nies ma ghandhom qatt jinzammu f'detenzjoni unikament ghax qeghdin ifittxu art ta' kenn. Illum niehu gost nara li l-kazi umanitarji - nisa tqal, nisa bit-tfal, nies avvanzati fl-eta' u persuni b'dizabilita' - jigu mehlusa minnufih.

Dawk li l-Kummissarju tar-Refugjati jikkwalifikhom bhala refugjati jew jimmeritaw protezjoni sussidjarja jinghataw il-liberta'. Dawk li fl-idea tal-Kummissarju ghar-Refugjati ma jimmeritawx Protezzjoni u d-decizjoni tieghu tigi konfermata mill-Bord ta' l-Appell, jinqasmu fi tnejn: dawk li ghandhom u jistghu jirritornaw lura pajjizhom u dawk li ma jistghux u ma ghandhomx jintbghatu lura pajjizhom. Dawk li ghandhom jintbghatu lura jistghu jinzammu f'detenzjoni sakemm isiru l-arrangamenti mehtiega biex jintbghatu lura. Dawk li fil-mument u ghal xi raguni valida ma hux prudenti li jintbghatu lura, ghandhom jigu ekwiparati ma' dawk li huma ta' "concern" ghall-UNHCR
U ghalhekk sadattant dawn ghandhom jinghataw il-permess li jahdmu, il-facilita' ta' Alien's Passport u li jekk eventwalment jinqalghu ragunijiet validi jergghu jinghataw il-possibilta' li japplikaw ghal li status ta' refugjat jew protezzjoni sussidjarja.

L-istatistika turi li l-ghadd ta' dawk li l-applikazzjoni taghhom ghal li status ta' refugjati giet rifjutata u jibqghu Malta tissupera l-40%, bil-konsegwenza li dawk li huma rikonoxxuti bhala refugjati jew moghtija protezzjoni sussidjarja jistghu jigu resettled jew rilokati f'xi pajjiz iehor fil-waqt li dawk li gew rigettati u baqghu Malta b'viza mgedda tal-Puluzija ghax ma setghux jintbghatu lura, baqghu Malta u uhud minnhom ilhom Malta tminn snin. Il-pratticita' titlob li din il-klassi tigi kwalfikata ghar-rilokazzjoni f'art ohra a bazi tal-ktiterja ta' burden sharing, inkella se jigri li f'Malta jibqa' biss min mhux suppost jibqa'u f'numru sustanzjali.

Dan li qed nikteb hu semplici ripetizzjoni.

**2.**

**Xoghol.** Nifhem u naqbel li l-immigrati kollha li ghandhom il-permess tal-Puluzija joqghodu Malta ghandu jkollhom il-possibilta' jahdmu u jahdmu bil-work permit biex ikunu jistghu jghixu huma u jghinu l-familja li hallew warajhom

Izda li qed jigri u hafna ma jafuhx hu li minkejja li kemm dawk li jahdmu kif ukoll min ihaddimhom ihallsu l-kontribuz-zjoni tas-sikurta'nazzjonali (N.I.S), mhumiex jinghataw il-beneficcju li hallsu u qeghdin ihallsu ghalihom
Jidhirli li ghall-gustizzja dawk li jahdmu u jhallsu l-kontribuzzjoni dovuta ghandhom jinghataw il-beneficcji li jinghataw lill-haddiema Maltin

3.
**Zwigijiet.** Attwalment l-Ufficcju taz-Zwigijiet jaghmel distinzjoni bejn l-immigrati li japplikaw biex jizzewgu. Lil dawk li huma refugjati, li ghandom Protezzjoni Sussidjarja jew Protezzjoni Umanitarja jaghtihom permess li japplikaw a bazi tal-informazzjoni li kienu taw meta applikaw ghal li status ta' refugjat (isem u kunjom, ismijiet tal-genituri, post u data tat-twelid, status ). Lil dawk li t-talba taghhom ghal li status ta' refugjat kienet michuda, barra l-applikazzjoni iridu jippresentaw kopja tac-certifikat tat-twelid u li huma liberi. Bil-konsegwenza li minkejja li huma ikunu nies mill-istess nazzjon u lokalita' u li huma intitolati ghall-protezzjoni umanitarja daqs hafna ohrajn, mhumiex jinghataw il-permess li jizzewwgu la ma' nisa ta' l-istess nazzjonalita', la ma' Maltin u l-anqas ma' nisa ta' nazzjonalitajiet ohra. Jistghu ipoggu u igibu t-tfal imma ma jistghux jizzewwgu.

Nahseb li wasal iz-zmien li l-Ligi tiddistingwi bejn wiehed Barrani turista u Immigrat (irregulari) li ghandu diffikulta jgib id-dokumenti rikjesti, li qieghed hawn Malta bil-permess tal-Puluzija, u li ilu hawn Malta snin…. u kemm se jdum ma jafx.

4.
**Registrazzjoni twelid**. Din isbah Zewg nisa tqal, qeghdin jistennew tarbija, hallew il-Libja flimkien ma' xi sebghajn passiggier iehor fuq bastiment-skuna, nhar l-1 ta' Novembru 2008, bit-tama li jsibu kenn f'xi art fl-Ewropa.

L-ghada, 2 ta' Novembru 2008, wahda minnhom X, mghejjuna minn ghadd ta' nisa ohra, welldet tarbija fuq il-bastiment-skuna u semmietha M.

Fit-3 ta' Novembru, hakem maltemp qawwi u l-mara X flimkien ma' bintha u l-passiggieri l-ohra gew trasferita fuq vapur. Il-vapur ma setax jidhol Malta minhabba l-maltemp. Sadattant il-mara tqila l-ohra, Y, giet elevata minn helicopter tal-AFM u ttiehdet fl-Isptar Mater Dei fejn nhar il-5 ta' Novembru welldet tewmin, l-ewwel wahda fil-10.45a.m.

Il-vapur trakka Pinto Wharf fil-10.55a.m.. Hawn gew zbarkati ir-refugjati, fosthom il-mara X bit-tarbija taghha M.

Minkejja tentativ da part tal-Kummissjoni Emigranti, r-Registru Pubbliku rrifjuta li jirregistra t-twelid tat-tarbija bint X, imwielda fuq il-bahar, nhar it-2 ta' Novembru, ghaliex it-tarbija ma twelditx f'territorju Malti. It-tewmin imwielda fl-Isptar Mater Dei qabel il-vapur wasal Malta, gew registrati

Jien ma niddiskutix il-Ligi, izda hu car li fiz-zmien meta giet formulata l-Ligi, hadd minn dawk li fassal il-Ligi ma kien janticipa l-kazi tar-refugjati. L-omm la setghet tmur lura l-Libja biex tirregistra t-twelid tat-tarbija taghha hemm u l-anqas setghet tirregistra t-tarbija f'artha. Barra dan ir-registrazzjoni tat-tarbija f' Malta ma jintitola t-tarbija ghal ebda dritt.

Hu ghalhekk  li l-Human Rights Convention tan Nazzjonijiet Uniti tirrikmanda, anzi, "urges States to identify and remove physical, administrative and any other barriers that impede access to birth registration, including late registration.

Tidhaq tisma fil-Qorti avukati jinsistu dwar l-osservanza ta' ligijiet ultra passati.

5.
L-ghaqda tal-familja.
Dawk moghtija *Protezzjoni Umanitarja Sussidjarja*, minkejja li huma moghtija l-permess joqghodu Malta, u t-tul ta' dan iz-zmien huwa indeterminat,  ma ghanhomx  id-Dritt jew koncessjoni ta' l-ghaqda tal-familja.  Bil-konsegwenza li ghandna kwantita' ta' immigrati, moghtija protezzjoni umanitarja sussidjarja u li ilhom mifruda mill-mara u tfal ghal erbgha, hames, sitt, sebgha, tminn snin.
Il-membri tal-Kummissjoni Emigranti f'laqgha ta' studju dwar il-qaghda attwali tar-refugjati f'Malta, mizmuma f'Dar l-Emigrant nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu 2012, qablu li jressqu din il-PROPOSTA lill-awtoritajiet koncernati: "li konsidrat li hafna minn dawk moghtija protezzjoni sussidjarja ilhom mifruda u ghalhekk ma jaraw il-membri tal-familja taghhom – mara u tfal – ghal numru ta' snin u din is-sitwazzjoni hadd ma jaf kemm tista ddum;  jinghataw il-possibilta tar-ri-unifikazzjoni tal-familja, jekk ikunu ilhom joqghodu Malta hames snin, ilhom jahdmu bil-permess tax-xoghol ghal perijodu ta' tliet snin konsekuttivi u jiggarantixxu akkommodaz-zjoni ghall-familja     (Dan hu purament attatt umanitarju)

6.
**L-immigrati**.  L-immigrati huma minn nazzjonijiet diversi, ta' kulur divers u kapacitajiet diversi.  Huma irgiel, nisa, tfal; f'sahhithom, morda, mmankati; mill-ibliet, mill-irhula; jafu l-iskola u illitterati;  gradwati, jafu s-snajja, qatt ma hadmu, ta' religjonijiet diversi u uhud mentalment ghajjiena.  Irgiel bil-mara u t-tfal f'pajjiz iehor; irgiel li ghadhom qatt ma raw lil uliedhom ghax twieldu wara li kellhom ihallu pajjizhom; nisa b'uliedhom imhollijin man-nanna, inkwietati bl-ahbarijiet li jiehdu.
Wiehed jifhem u hemm bzonn jifhem dawn in-nies xi jhossu meta bnedmin bhalhom ghaliex qeghdin f'pozizzjoni ahjar minnhom ma jifhmuhomx.
F'pajjizhom ma ghandhomx emigrazzjoni organizzata.  Biex jieklu, iridu jfittxu rashom, ma jkunux diskriminati minhabba l-politika u religjon, ikollhom ihallu pajjizhom.

7.
**Il-Maltin.**  Ma nistax niggeneralizza.  Izda individwi ma' individwi, il-Maltin huma nies twajba:  ihobbu t-tfal, ihossu ghal min hu bil-guh, ifittxu jfarrgu lil min hu qalbu maqsuma.  Bhala nazzjon, ahna bhal nazzjonijiet ohra: nirringrazzjaw lil Alla li gew l-immigranti esperti fil-computers erbghajn/hamsin sena ilu; esperti fil-plastic erbghajn sena ilu u lesti biex jaghmlu certu xoghol ta' l-idejn illum. Ahna konna art ta' emigrazzjoni u hadd daqsna ma jista jifhem lil dawn in-nies. Fuq kollox ahna nsara.

REFUGEE  Alien's Passport.

Illum dan hu konsidrat **Dritt.**

Il-membri tal-Kummissjoni Emigranti f'laqgha ta' studju dwar il-qaghda attwali tar-refugjati f'Malta, mizmuma f'Dar l-Emigrant nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu 2012, qablu li ghall-okkazjoni ta' JUM IR-REFUGJATI 2012 jressqu dawn il-PROPOSTI lill-awtoritajiet koncernati.

1. **li konsidrat li dawk moghtija li status ta' refugjat** ghandhom id-dritt joqghodu Malta indefinitivament u li l-UNHCR mhix tilqa' t- talbiet taghhom ghar-*resettlement* biex tkun tista tagevola lil dawk moghtija protezzjoni sussidjarja

   **jigu moghtija l-opportunita' japplikaw ghac-cittadinanza Maltija wara hames snin** (prezentement moghtija wara ghaxar snin) u li uliedhom imweldin Malta jinghataw l-istess cittadinanza mal-missier

2. **li konsidrat li hafna minn dawk moghtija protezzjoni sussidjarja ilhom mifruda u ghalhekk ma jaraw il-membri tal-familja taghhom – mara u tfal – ghal numru ta' snin u din is-sitwazzjoni hadd ma jaf kemm tista ddum;**

   **jinghataw il-possibilta tar-ri-unifikazzjoni tal-familja, jekk ikunu ilhom joqghodu Malta hames snin, ilhom jahdmu bil-permess tax-xoghol ghal perijodu ta' tliet snin konsekuttivi u jiggarantixxu akkommodazzjoni ghall-familja (dan hu att umanitarju)**

3. **li konsidrat li dawk moghtija protezzjoni sussidjarja li ilhom jghixu Malta ghal aktar minn ghaxar snin, u din is-sitwazzjoni hadd ma jaf kemm tista ddum**

   **jinghataw il-possibilta' li japplikaw ghac-cittadinanza Maltija jekk ikunu ilhom jahdmu bil-permess tax-xoghol ghal hames snin konsekuttivi u joqghodu ghal rashom**

4. **li konsidrat li uhud minn dawk moghtija protezzjoni sussidjarja isibu rwiehhom f'diffikulta' biex jkomplu jahdmu u/jew jizzewgu ma' residenti lokali fl-art li jkunu marru joqghodu, minhabba fil-limitazzjoni tal-validita' tal-Alien's Passport**

**jinhargilhom Alien's Passport b'permess tar-residenza validu ghal tliet snin**

5. **li konsidrat li dawk li l-applikazzjoni taghhom ghal li status ta' refugjat ma gietx milqugha, ma setghux jintbghatu lura pajjizhom u ghalhekk ilhom joqghodu Malta bil-permess tal-Puluzija ghal aktar minn erbgha snin u huma nies li jahdmu u ta' kondotta tajba**

**tinghataw xi ghamla ta' Protezzjoni, li tintitulhom ghall-possibilta' li jahdmu, jizzewwgu u jkollhom Alien's Passport**

6. **li konsidrat li dawk kollha li jahdmu bil-permess tax-xoghol u kemm huma kif ukoll min ihaddimhom ihallsu l-kontribuzzjoni tas-sikurta' nazzjonali (N.I.S), bla ma jinghataw il-beneficcji li jhallsu ghalihom**

**jibdew jinghataw l-istess beneficcji li jinghataw lill-haddiema Maltin**

7. **li konsidrat li dawk li ma ghandhomx protezzjoni umanitarja u huma mizzewgin ma' cittadini ta' nazzjonalita' barranija u jixtiequ u jaghtu prova li jistghu jinghaqdu ma' zwieghom**

**jinhargilhom Passaport ghall-Barranin biex ikunu jistghu japplikaw ghall-visa mehtiega biex ikunu jistghu jinghaqdu ma' zwieghom f'arthom**

8. **li konsidrat li fil-kaz tar-refugjati jeziztu cirkustanzi li fihom dawk li jaharbu minn pajjizhom, fiz-zmien tal-harba taghhom, jizzewwgu bejniethom u ikollhom l-ulied, u dan iz-zwieg u/jew twelid ma gewx registrati u ma setghux jigu registrati;**

**jinghataw il-facilita' jirrekordjaw jew jiregistraw dan iz-zwieg taghhom u/jew twelid ta' uliedhom mal-wasla taghhom hawn Malta. Din ir-registrazzoni jew arkivjar ta' dawn l-atti ma jaghtu ebda titolu jew dritt lil dawn il-mizzewgin u lil uliedhom. Hu biss att umanitarju**

**Kazi serji. Ta' trabi mwielda fuq il-bahar li la jistghu jigu registrati fl-art tac-cittadinanza ta' l-omm u l-anqas fl-art li minnha telqet l-omm qabel twieldet it-tarbija.**

9.. **li konsidrat li dawk li ma huma moghtija ebda ghamla ta' protezzjoni huma mcahhda milli japplikaw biex jizzewwgu (anki jekk huma genituri ta'ulied) ghaliex jinsabu f'diffikulta' li jgibu certifikat tat-twelid minn pajjizhom;**

**l-Ufficcju taz-Zwigijiet jigi rikmandat jadotta l-istess proceduri bhal fil-kaz ta' dawk moghtija protezzjoni umanitarja temporanja** **(Dan hu rikmandat mill-Ombudsman)**